MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħ'Attard (Urġenti)

# IT-TMIN LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 29

1 ta' Lulju 2021

Il-Kunsilli Lokali H'Attard iltaqa' online b'xi membri fis-Sala tal-Kunsill li jinsab fl-indirizz 13/15, Triq Sant'Anna, Ħ'Attard, fis-5.30 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

STEFAN CORDINA – Sindku
Alexander Louis Mangion – Viċi Sindku
Remigio Bartolo – Kunsillier
John P.Bonnici – Kunsillier
Silvio Brincat – Kunsillier
Helen Caruana – Kunsillier
Maria Concetta Scerri - Kunsillier
Giorgio Schembri – Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):
Victor Galea – Kunsillier

ASSENTI

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Marica Mifsud – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku, is-Sur Stefan Cordina ippresjeda l-laqgħa. Il-laqgħa bdiet fis-7.00pm. Kulħadd kien preżenti bl-eċċezjoni tas-Sinjuri Maria Concetta Scerri, Helen Caruana u Victor Galea li kienu għadhom ma daħlux online. Is-Sur Cordina qal li din il-laqgħa saret urġentament biex tkompli d-diskussjoni li bdiet fil-laqgħa preċedenti.

## 29.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

29.1.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li kellha ittra t'apoloġija tas-Sur Victor Galea li nqabad fuq xogħol.

## 29.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

29.2.1 Dan l-item ġie maqbuż.

## 29.3 Diskussjoni Permess Awtorità tal-Ippjanar

29.3.1 Is-Sur Cordina talab lill-Perit Dieter Falzon biex jagħti spjega tal-permess in kwistjoni. Il-Perit Falzon qal li ħa jitkellem fuq permess b'numru 3866/21 Palmgate Triq il-Konti R. Barbaro (*change of use from semi detached villa to a guest house class 3A, proposal included internal alterations, demolition of stair cases, building of partitions and extension of built up areas to include to new bedrooms).* Hu qal li l-area in kwistjoni bhalha zoning hija *residential priority area*, qal li l-planning law hija ċara u ma jistax isir downgrading in the use and the nature of the proposals. Jekk hu semi-detached *area* ma tistax tagħmel maisonettes u flats u *guest houses* u fil-fatt qal hemm digà hemm 30 oggezzjoni u huma oggezzjonijiet mhux talba għall-rappreżentazzjoni. Qal li l-oġġezzjonijiet huma bbażati fuq il-parkeġġ u l-emissjonijiet u l-guest house innifisha. Barra minn hekk l-MTA (Malta Tourism Authority) li hija l-entità, li tagħti permess għall-*operation,* fit-8 ta' Ġunju qalet li għalkemm m'għandhiex oġġezzjoni, nnutat ukoll li l-post qiegħed f'RPA u li tali permessi soltu ma jinħargux, għalhekk tefgħat id-deċiżjoni f'ħoġor l-PA. Il-liċenzja soltu toħroġ bla problem f'*residential areas.*

L-Avukat Caruana daħlet f'dan il-mument 7.05pm

Hu ta spjega ta' kif hu mwassam il-post. Qal li l-Kunsill jista' jew jagħmel biss rappreżentazzjoni, jew joġġezzjona. Qal li jekk ikun hemm oġġezzjoni *outright* waqt il-laqgħat tal-Bord jistgħu isiru interventi imma b'rappreżentazzjoni biss ma jkunx hemm dik is-saħħa biex twassal l-argumenti kontra l-iżvilupp bħal ma sar fil-proġett tas-Central Link, kompliet l-Avukat Caruana.

Is-Sur Bonnici ma baqax jidher fuq l-iscreen f'dan il-mument 7.09pm

Il-Perit Falzon qal li minn barra mhux sa jinbidel xejn ħlief li bħalha parkeġġi suppost ikollu 2 kif għandu bħalissa imma la ħa tinbidel f'*guest house* suppost ikollu 15. F'żona residenzjali jekk ma jkollokx biżżejjed parkeġġi titħallas miżata li tmur fid-Development Planning Fund imma peress li din hi żona residenzjali b'prijorità l-istorja hi differenti. Qal li f'dan l-istadju l-Kunsill irid jiddeċiedi jekk hux ha jkun rappreżentant jew oġġezzjonatur.

Saru dawn il-mistoqsijiet mill-Kunsilliera:
L-Avukat Brincat saqsa jekk il-kmamar tas-sodda li ha jiżdiedu hux ha jibdlu l-estetika tal-binja? Il-Perit qal li le għax xorta ħa jkunu fuq l-istess perimetru.

Il-Perit Schembri qal li fl-aħħar laqgħa kien qal li dak li l-iktar ibeżżgħu f'din iż-żona partikulari hu l-parkeġġ u l-ħsejjes. Saqsa jekk iż-żona hix immarkata CG08? Il-Perit qal li fuq il-pjanijiet lokali iż-żona hi mmarkata bħalha RPA. Għalih qal dan il-każ huwa t'oġġeżżjoni u mhux rappreżentazzjoni.

Is-Sinjura Connie Scerri daħlet f'dan il-mument 7.17pm

Is-Sur Cordina qal li għalih il-Perit jispjega l-affarijiet u wara jitlaq mill-laqgħa u ssir deċiżjoni.

L-Avukat Caruana saqsiet fuq iż-żona, li qalet hi viċin il-Corinthia u fuq il-parkeġġi. Talbet spjega fuq il-parkeġġi. L-Perit qal li ġa mill-parkeġġi eżistenti bħalha semi-detached ittieħdu biex isiru Kamra tas-sodda, tal-banju u kċina. Normalment għal din it-tip ta' binja suppost min jopera jipprovdi bejn 10-15 il-parkeġġ. Li kieku jtuħ permess titħallas il-multa u l-permess joħroġ. Hu qal li bażikament l-problema mhux il-parkeġġ imma l-użu u l-oġġezzjoni trid tkun fuq l-użu. Jekk joħroġ il-permess jgħidulu parkeġġ t'għaxar karozzi u daqshekk.

Il-Perit Falzon qal li l-parir tiegħu hu li l-użu ma jmurx maż-żona. Hu qal li ma jidhirx sew jekk il-Kunsill ma jieħux deċizjoni soda fuq dan il-fatt.

Il-Perit ħalla ħareġ mill-laqgħa f'dan il-mument 7.25pm biex iħalli f'idejn il-Kunsill.

Is-Sur Cordina qal li issa jiddiskutu bejniethom.

Is-Sur Mangion qal li japprezza l-opinjoni tal-Perit u l-fatt li hemm 30 oġġezzjoni u jżomm ma dak li qal il-Perit u hu tal-opinjoni li joġġezzjonaw.

l-Avukat Caruana qalet li ma tħossx li l-Kunsill għandu joġġezzjona waħda għax estetikament mhu ħa jinbidel xejn u l-oħra għax din viċin il-Corinthia u l-fatt li Ħ'Attard ikollu akkomodazzjoni irħas huwa xieraq għal min ma jaffordjax. Qalet li dan mhux hostel u la hemm bar li ħa joħloq storbu allura taħseb li tkun interested party biżżejjed.

L-Avukat Brincat qal ma' jaqbilx mal-Avukat Caruana. Qal li jekk xi ħadd irid jagħmel *guest house* hemm żoni oħra fejn jistgħu isiru u min investa fl-użu biex ikollha ċertu valur mhux sew li dan jiġi żvalutat. Temm billi qal li hemm żoni oħra fejn dan jista' jsir imma jaqbel li għandhom joġġezzjonaw.

Il-Perit Schembri qal li kien jinsab ftit konfuż imma ddeċieda li jaqbel li ssir oġġeżżjoni a bazi tal-preservazzjoni tal-area u jekk ma ssirx oggeżżjoni f'area bħal din jibdew jinbtu oħrajn. Hu qal b'iktar nies fiż-żona ssir pressjoni fuq l-użu u fuq it-triq. Li kieku kienet żona ta' *terraced houses* ma kienx isib oġgezzjoni imma hekk le ma jaqbilx allura għandha ssir oġgezzjoni.

Is-Sur Bartolo qal li għandhom ikunu ekwi mar-residenti li meta xtraw nefqu l-flus għal dak li għandho u għalhekk għandha ssir oġġezzjoni.

Is-Sinjura Scerri qalet li hi taqbel li ssir oggezzjoni, li artijiet u postijiet vojta għal dan l-iskop hemm kemm trid u li għandu jkun hemm dik id-diversità.

Is-Sur Cordina qal li mhux jara s-Sur Bonnici għalkemm kien jidher online bl-isem taħt. Saqsieh biex jagħti l-opinjoni tiegħu u jekk irid jitkellem kemm jixgħel il-mic.

Is-Sur Bonnici qal li jemmen li dan il-proġett għandu jsir u m'għandux ikun ostakolat bħal ma saru proġetti oħra.

Il-Perit Schembri qal li ha jipprova jixxerja l-pjanta u jispjega fejn hi l-area bħalha CG08 Residential Priority Area. L-Avukat Caruana qalet li vera viċin il-Corinthia CG08 Terraced House zoning imma vera viċin.

L-Avukat Brincat qal li nibdew b'din u mbagħad minn residential priority nispiċċaw residential area u jiġi żvalutat il-prezz tal-propjetà.

Il-Perit Schembri qal li jibza' li jekk l-użu jinbidel jagħti lok għat-tibdil fiż-żoning. L-Avukat Caruana irribattiet kif allura l-MTA ma qabdiet u qatatilha rasha u qalet le. Il-Perit Schembri qal li din il-Policy tal-PA mhux l-MTA u għalhekk ħalliet tali deċizjoni f'idejhom.

Is-Sur Bonnici saqsa meta ha titla' Bord? Is-Sur Cordina qal li l-oġġezzjoni trid issir sad-9 ta' Lulju.

Ġie deċiż li ssir oġġezzjoni mal-maġġoranza tal-opinjonijiet mogħtija.

## 29.4 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss

29.4.1 Il-laqgħa ntemmet fis-7.42pm u ġiet aġġornata għall-14 ta' Lulju 2021 fis-5.30pm.

Konfermati, illum 18 ta' Awwissu 2021.

IFFIRMATA
Stefan Cordina
Sindku

IFFIRMATA
Marica Mifsud
Segretarju Eżekuttiv